IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2015
COM(2015) 205 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza tal-ħalib, tal-ħalib użat bħala ingredjent fi prodotti tal-ħalib u ta' tipi ta' laħam għajr il-laħam taċ-ċanga, tal-majjal, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tat-tjur

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi (minn hawn 'il quddiem, "ir-Regolament FIC")[1] jintroduċi sensiela ta' dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar tal-oriġini tal-ikel.

B'mod partikolari, l-Artikoli 26(5) u (6) tar-Regolament FIC jeħtieġu li l-Kummissjoni tressaq sensiela ta' rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-possibbiltà li t-tikkettar obbligatorju tal-oriġini jiġi estiż għal ikel ieħor. L-ewwel rapport dwar it-tikkettar obbligatorju tal-oriġini tal-laħam li jintuża bħala ingredjent fl-ikel ippakkjat bil-lest ġie adottat fis-17 ta' Diċembru 2013[2].

Ir-rapport preżenti ikopri l-obbligu tal-Kummissjoni li sat-13 ta' Diċembru 2014 tibgħat rapporti lill-Parlament Ewropew u lil-Kunsill dwar l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza tal-ħalib, tal-ħalib użat bħala ingredjent fi prodotti tal-ħalib u ta' tipi ta' laħam għajr il-laħam taċ-ċanga, tal-majjal, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tat-tjur. Għall-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-rapport, il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib huma meqjusa kif definit fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, Anness VII, Parti III. It-tipi ta' laħam ikkonċernati huma il-laħam frisk u ffriżat taż-żwiemel, tal-fniek, tar-renni u taċ-ċriev, tal-annimali tal-kaċċa imrobbija u selvaġġi, kif ukoll tat-tjur għajr tiġieġ, dundjani, wiżż u fargħuni.

Kif deskritt fl-Artikolu 26(7) tar-Regolament FIC, dan ir-rapport iqis:

– il-ħtieġa li l-konsumatur ikun infurmat;

– kemm hu fattibbli li tingħata l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza għall-prodotti differenti u

– analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji tal-introduzzjoni ta' tali rekwiżiti kemm fuq l-operaturi u l-amministrazzjonijiet fin-negozju tal-ikel kif ukoll l-impatt tagħhom fuq is-suq intern u fuq il-kummerċ internazzjonali.

Bil-għan li t-tikkettar obbligatorju tal-oriġini tal-ikel skont il-mandat ta' dan ir-rapport jiġi vvalutat bir-reqqa, is-servizzi tal-Kummissjoni inkarigaw konsulent indipendenti bi stħarriġ[3] (minn hawn 'il quddiem, "l-istudju") sabiex janalizza l-impatt ta' xenarji differenti ta' tikkettar. Ir-riżultati ewlenin tiegħu huma diskussi f'dan ir-rapport. It-tikkettar volontarju jew obbligatorju tal-oriġini ġie evalwat f'disgħa Stati Membri għall-ħalib tax-xorb u għall-prodotti li jużaw il-ħalib bħala ingredjent, bħall-ġobon, il-jogurt, eċċ., u fil-pajjiżi ewlenin tal-produzzjoni għal-laħam taż-żwiemel, tal-fniek u tal-kaċċa.

---

1 Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jirrevoka d-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004, (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

2 COM(2013)755, 17.12.2013.

3 http://ec.europa.eu/agriculture/external-studies/index_en.htm

2. IT-TIKKETTAR OBBLIGATORJU U VOLONTARJU TAL-ORIĠINI

Jeżistu regoli dwar it-tikkettar obbligatorju tal-oriġini għal bosta prodotti, bħall-għasel[4], il-frott u l-ħaxix[5], il-ħut mhux ipproċessat[6], iċ-ċanga[7], iż-żejt taż-żebbuġa[8], l-inbid[9], il-bajd[10], il-laħam tat-tjur importat[11] u x-xorb spirituż[12]. Kif previst fir-Regolament FIC, il-Kummissjoni adottat regoli dettaljati dwar it-tikkettar obbligatorju tal-oriġini ta' laħam frisk, imkessaħ jew iffriżat tal-majjal, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tat-tjur[13]. Dawn ir-regoli jeħtieġu l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż fejn l-annimal trabba għal parti sostanzjali ta' ħajtu flimkien mal-indikazzjoni tal-pajjiż tal-qatla. Ir-rekwiżiti l-ġodda ser japplikaw mill-1 ta' April 2015 għal-laħam ippakkjat minn qabel iżda l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jestenduhom ukoll għal-laħam mhux ippakkjat minn qabel.

Għalkemm mhijiex disponibbli dejta dettaljata sabiex jiġi vvalutat is-sehem tas-suq tal-prodotti tal-ikel li jkunu qed jipparteċipaw fi skemi ta' tikkettar volontarju tal-ikel, inventarji eżistenti juru li s-setturi tal-ħalib u tal-laħam għandhom penetrazzjoni relattivament ogħla ta' skemi tat-tikkettar tal-ikel. Il-prodotti tal-ħalib u tal-laħam li jinbiegħu fis-suq tal-UE huma diġà ttikkettati b'mod volontarju, jew permezz ta' skema tal-UE (DPO, IĠP jew STG[14]) jew inkella permezz ta' organizzazzjonijiet privati jew pubbliċi (bħal gruppi ta' operaturi, bejjiegħa bl-imnut, NGOs u awtoritajiet pubbliċi). Dan it-tikkettar is-soltu jirreferi għal Stat Membru jew livell ġeografiku iktar baxx (reġjun). Il-kriterji użati f'dawn l-iskemi volontarji biex ċerti karatteristiċi jiġu marbuta ma' provenjenza ġeografika jistgħu jvarjaw minn wieħed għall-ieħor b'mod konsiderevoli.

---

4 Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE li tirrigwarda l-għasel (ĠU L 164, 3.6.2014, p. 1).

5 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat, (ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1).

6 Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

7 Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-ifrat u dwar it-tikkettar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

8 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 29/2012 tat-13 ta' Jannar 2012 dwar l-istandards ta' marketing għaż-żejt taż-żebbuġa (ĠU L 12, 14.1.2012, p. 14).

9 Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007, (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

10 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 589/2008 tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-termini tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li jikkonċerna n-normi tat-tqegħid fis-suq applikabbli għall-bajd (ĠU L 163, 24.6.2008, p. 6)

11 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008 tas-16 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam mal-istandards għat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur (ĠU L 157, 17.6.2008, p. 46).

12 Ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16).

13 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1337/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 li jistipula r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza għal laħam frisk, imkessaħ jew iffriżat tal-majjal, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tat-tjur (ĠU L 335, 14.12.2013, p. 19).

14 DPO = Denominazzjoni Protetta tal-Oriġini; IĠP = Indikazzjoni Ġeografika Protetta; STG = Speċjalità Tradizzjonali Garantita

3. IL-ĦALIB U TIPI OĦRA TA' LAĦMIJIET — ĦARSA ĠENERALI LEJN IS-SETTURI

3.1. Il-katini tal-provvista u tal-ipproċessar

L-imħaleb, il-biċċeriji u l-impjanti tal-ipproċessar tal-laħam huma atturi ewlenin biex l-informazzjoni dwar l-oriġini tingħadda lill-attur li jmiss fil-katina tal-ikel. Iktar ma jkun għoli l-livell ta' integrazzjoni vertikali, iktar ikun faċli li l-informazzjoni dwar l-oriġini tingħadda tul il-katina tal-ikel. Għall-kuntrarju, iktar ma jkun kumpless u sofistikat l-ipproċessar, iktar ma jsir ta' piż it-tikkettar tal-oriġini.

Id-dejta dwar l-istruttura tal-industrija tal-ħalib tal-UE, li ħarġet minn inkjesta mwettqa f'Ottubru- Novembru 2009, turi li l-impriżi żgħar u ta' daqs medju li jipproduċu inqas minn 100 000 tunnellata ħalib jammontaw għal 81 % ta' dawk li jipproċessaw il-ħalib u pproċessaw 28,5 % tal-volum totali tal-ħalib. Fl-Istati Membri li huma produtturi kbar, madwar 50 % tal-ipproċessar huwa ta' sikwit ikkonċentrat fl-ikbar ħames kumpaniji. Il-bdiewa jiddependu ferm fuq dawk li jipproċessaw lokalment minħabba n-natura tal-prodott li jmur u l-fluss kontinwu tal-produzzjoni. Dawk li jipproċessaw il-ħalib ġeneralment jixtru l-ħalib mhux ipproċessat u ingredjenti oħra tal-ħalib minn bosta sorsi u f'dawk l-imħaleb li jkunu jinsabu fir-reġjuni tal-fruntiera, huwa komuni li ħalib minn diversi oriġini jiġi pproċessat flimkien fl-istess impjant.

Hemm it-tendenza li t-tipi ta' laħam li jaqgħu taħt il-mandat ta' dan ir-rapport jinvolvu wkoll katini qosra tal-provvista, ta' spiss fi ħdan l-istess Stat Membru. Il-bejjiegħa bl-imnut jixtru dawn il-laħmijiet prinċipalment mingħand il-kummerċjanti fis-swieq ta' dak il-ħin, mill-biċċeriji jew mill-impjanti tat-tqattigħ. Il-laħam taż-żiemel jista' jkollu katini itwal tal-provvista b'iktar operaturi involuti u iktar kummerċ fi ħdan l-UE u kummerċ barrani.

3.2. Il-konsum tal-ħalib, tal-prodotti tal-ħalib u tat-tipi ta' laħam li jaqgħu taħt il-mandat ta' dan ir-rapport

Il-konsum medju *per capita* fl-UE huwa ta' madwar 62 kg ta' ħalib tax-xorb, 17 kg ta' ġobon, 16 kg ta' ħalib aċidifikat, 5 kg ta' krema, 4 kg ta' butir u 9 kg ta' prodotti friski oħra tal-ħalib (Eurostat, 2013).

Is-suq tal-ħalib tal-UE huwa pjuttost matur u ż-żidiet imdaqqsa fil-konsum *per capita* wisq probabbli li jseħħu biss fl-Istati Membri li ssieħbu f'dawn l-aħħar għaxar snin, filwaqt li l-konsum huwa mistenni li jiżdied b'mod marġinali biss fl-Istati Membri "l-antiki".

Il-konsum tat-tipi ta' laħam li jaqgħu taħt il-mandat ta' dan ir-rapport jammontaw biss għal 3 % tat-total tal-konsum tal-laħam[15] tal-UE għalkemm iċ-ċifri disponibbli mill-Istati Membri mhux dejjem ikunu aġġornati. Il-konsum tal-laħam taż-żiemel u tal-fenek huwa iktar rilevanti fl-Italja, fi Franza, fi Spanja, fil-Belġju u fin-Netherlands. Il-laħam tal-annimali tal-kaċċa huwa prinċipalment ikkunsmat matul l-istaġun tal-kaċċa, jiġifieri minn Ottubru sa Diċembru.

3.3. Il-produzzjoni u l-kummerċ

L-UE hija fil-biċċa l-kbira awtosuffiċjenti għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib bi kważi 65 % tal-ħalib li jinġabar, jiġi pproċessat fi prodotti tal-konsumatur, l-iktar għas-suq

[15] Il-Valutazzjoni tal-Impatt — Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – L-Indikazzjoni Obbligatorja tal-Oriġini għal-Laħam Mhux Ipproċessat tal-Majjal, tat-Tjur, tan-Nagħaġ u tal-Mogħoż. http://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/ia_carried_out/docs/ia_2013/ia_meat_origin_labelling.pdf

domestiku. Il-produzzjoni tal-ġobnijiet u tal-prodotti friski hija l-aktar qasam importanti bħala użu tal-ħalib (rispettivament 53 u 43 miljun tunnellata ta' ekwivalenti tal-ħalib). Bħala volum, it-trabijiet (xkumat, sħiħ u xorrox) u l-produzzjoni tal-butir huma relattivament iżgħar (rispettivament 12-il miljun u 25 miljun tunnellata ta' ekwivalenti tal-ħalib). Madankollu, il-kummerċ tagħhom fi ħdan l-UE huwa sinifikanti (rispettivament 1,6 u 0,6 miljun tunnellata) iżda inqas importanti minn tal-ġobnijiet (3,6 miljun tunnellata). Il-volumi jvarjaw ħarira kull sena skont il-provvista u l-kundizzjonijiet tas-suq.

L-importazzjonijiet tal-prodotti tal-ħalib huma limitati għal aċċess preferenzjali mogħti lil xi pajjiżi terzi fi ħdan ftehimiet bilaterali jew multilaterali, filwaqt li l-esportazzjonijiet tal-prodotti tal-ħalib jammontaw għal madwar 10 % tal-produzzjoni tal-ħalib. B'mod ġenerali, l-UE hija esportatur nett ta' prodotti tal-ħalib.

Il-produzzjoni annwali ta' tipi oħra ta' laħam li jaqgħu taħt il-mandat ta' dan ir-rapport hija stmata li hija 2 % biss tal-produzzjoni ġenerali tal-laħam tal-UE. Il-laħam tal-fenek, taż-żiemel, u tal-annimali tal-kaċċa jammonta rispettivament għal madwar 490, 73 u 131 elf tunnellata (FAO, 2012), filwaqt li ċ-ċifri tal-produzzjoni għal tipi oħra ta' laħam kopert minn dan ir-rapport huma sostanzjalment iżgħar. Il-kummerċ fi ħdan l-UE jinvolvi rispettivament kważi 52 u 22 elf tunnellata tal-laħam taż-żiemel u tal-fenek, billi hemm madwar 25 elf tunnellata ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, kemm tal-laħam taż-żiemel, prinċipalment mill-Arġentina, l-Istati Uniti, il-Kanada u l-Messiku, kif ukoll tal-laħam tal-fenek, prinċipalment importati miċ-Ċina (iktar minn sebat elef tunnellata). L-importazzjonijiet tal-laħam taċ-ċriev joriġinaw prinċipalment minn New Zealand.

3.4. Sistema ta' traċċabbiltà tal-UE

Is-sistema ta' traċċabbiltà fl-UE għall-prodotti tal-ikel timmira li tiżgura s-sikurezza tal-ikel u mhijiex neċessarjament mgħammra biex l-informazzjoni tal-oriġini tingħadda tul il-katina tal-ikel:

– Is-sikurezza tal-ikel[16] teħtieġ li l-informazzjoni tiġi reġistrata "pass lura — pass 'il quddiem" tul il-katina tal-ikel: L-operaturi fin-negozju tal-ikel iridu jkunu jistgħu jidentifikaw in-negozji fejn ikunu ġew fornuti l-prodotti tagħhom u dawk minn fejn ikunu ġabu l-materjal tagħhom. Għall-ikel li joriġina mill-annimali, jiġu imposti[17] rekwiżiti ta' informazzjoni iktar dettaljati, madankollu mingħajr ma jkun meħtieġ li jkun hemm rabta sistematika mal-pajjiż ta' oriġini jew mal-post ta' provenjenza tal-materja prima użata.

– Marka dwar is-saħħa jew ta' identifikazzjoni li tindika l-aħħar stabbiliment ta' produzzjoni/ipproċessar/imballaġġar, u l-Istat Membru li fih jinsab, trid tidher fuq it-tikkettar tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali (l-Artikolu 5 u t-Taqsima

[16] L-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel, (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

[17] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 931/2011 tad-19 ta' Settembru 2011 dwar ir-rekwiżiti tat-traċċabbiltà stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-ikel li joriġina mill-annimali, (ĠU L 242, 20.9.2011, p. 2).

I tal-Anness II tar-Regolament 853/2004)[18] iżda dan ma jirrigwardax neċessarjament l-oriġini jew il-provenjenza tal-materja prima użata.

– Minkejja li jeżistu sistemi tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-annimali ħajjin, it-tħaddim tagħhom ivarja bejn l-ispeċijiet u, l-biċċa l-kbira minnhom, ma jifformawx bażi suffiċjenti sabiex tiġi ġġenerata informazzjoni għal tikkettar sħih tal-oriġini (imwieled/imrobbi/maqtul).

– Għal-laħmijiet taħt il-mandat ta' dan ir-rapport, l-uniku każ fejn teżisti sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-annimali ħajjin huwa għall-*equidae* (pereżempju ż-żwiemel). Fil-movimenti tagħhom madwar l-UE, l-*equidae* għandhom ikunu akkumpanjati minn dokument ta' identifikazzjoni jew passaport, skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/68/KE u r- Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008 li jistabbilixxu r-regoli dwar l-identifikazzjoni ta' *equidae* mwielda jew importati fl-Unjoni. Madankollu, din is-sistema ma tinkludix bażi ċentralizzata obbligatorja ta' dejta biex ikun hemm traċċabbiltà tal-movimenti tal-annimali. Il-ħidma għat-tisħiħ tar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni għaddejja bħalissa u se jkunu applikabbli rekwiżiti ġodda mill-2016[19].

4. L-ATTITUDNI TAL-KONSUMATURI LEJN IT-TIKKETTAR OBBLIGATORJU TAL-ORIĠINI GĦALL-ĦALIB U TIPI OĦRA TA' LAĦAM

Skont l-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2013[20], il-parti l-kbira taċ-ċittadini tal-UE jikkunsidraw li huwa neċessarju li tiġi indikata l-oriġini tal-ħalib, kemm jekk jinbiegħ bħala tali u kemm jekk jintuża bħala ingredjent fil-prodotti tal-ħalib (84 %). Perċentwal simili (88 %) ġie rreġistrat għal-laħmijiet taħt il-mandat ta' dan ir-rapport. Madankollu, anke f'dawn il-każijiet, l-istennijiet dwar l-informazzjoni preċiża li l-konsumaturi jkunu jixtiequ li jirċievu skont il-kunċett ta' "oriġini" ivarjaw ħafna.

Għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, intweriet preferenza għall-pajjiż tat-taħlib jew tal-ipproċessar, filwaqt li l-post fejn l-annimal trabba u nqatel kienu l-punti ewlenin ta' interess għal-laħmijiet, filwaqt li l-post tat-twelid jattira inqas interess. L-informazzjoni fil-livell tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi terzi ġie meqjus iktar xieraq mil-livell reġjonali jew "mill-UE/mhux mill-UE".

Stħarriġiet fost il-konsumaturi juru li l-oriġini hija fattur importanti għax-xiri tal-ħalib, tal-prodotti tal-ħalib u l-prodotti tal-laħam, iżda biss wara l-prezz, it-togħma, u d-dati "l-aħjar qabel"/"uża sa".

Madankollu, il-parti l-kbira minnhom juru wkoll li hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-preferenzi tal-konsumaturi u li hemm diskrepanza bejn l-interess tal-konsumaturi fit-tikkettar tal-oriġini u kemm huma lesti li jħallsu għal dik l-informazzjoni. Għalhekk, minkejja l-interess tagħhom li jkunu infurmati, il-konsumaturi mhumiex neċessarjament lesti li jixtru l-prodotti bi prezz ogħla biex ikollhom din l-informazzjoni. Metodoloġiji diversi juru li hemm id-diffikultajiet biex

[18] Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

[19] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/262 tas-17 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi regoli skont id-Direttivi tal-Kunsill 90/427/KEE u 2009/156/KE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-*equidae* (Regolament dwar il-Passaport Ekwin), ĠU L 59, 03.3.2015, p. 1.

[20] http://ec.europa.eu/public_opinion/archives/eb_special_419_400_en.htm

tiġi stmata l-vera rieda li dak li jkun iħallas, jew minħabba xi preġudizzju metodoloġiku jew minħabba li t-tweġibiet tal-konsumaturi għall-istħarriġiet mhux dejjem jikkorrispondu mal-imġiba tagħhom fix-xiri. Fl-Ewrobarometru tal-2013 madwar nofs il-konsumaturi biss iddikjaraw ir-rieda tagħhom li jħallsu bejn wieħed u tnejn fil-mija iktar biex ikollhom l-informazzjoni dwar l-oriġini tal-prodotti li jaqgħu taħt il-mandat ta' dan ir-rapport.

5. IX-XENARJI POSSIBBLI U L-MODALITAJIET TAT-TIKKETTAR TAL-ORIĠINI

Għall-ħalib u l-ħalib użat bħala ingredjent

Hawnhekk qegħdin jiġu eżaminati x-xenarji li ġejjin:

– Xenarju 1 — L-i*status quo* (it-tikkettar volontarju tal-oriġini);

– Xenarju 2 — L-introduzzjoni ta' tikkettar obbligatorju tal-oriġini bħala "mill-UE/mhux mill-UE" (jew "mill-UE/minn pajjiż terz");

– Xenarju 3 — It-tikkettar obbligatorju tal-oriġini li jindika l-Istat Membru jew il-pajjiż terz fejn il-ħalib (a) ġie maħlub jew (b) ġie pproċessat.

Għat-tipi ta' laħam

Hawnhekk qegħdin jiġu eżaminati x-xenarji li ġejjin:

– Xenarju 4 — L-i*status quo* (it-tikkettar volontarju tal-oriġini);

– Xenarju 5 — It-tikkettar obbligatorju tal-oriġini li jindika l-Istat Membru jew il-pajjiż terz fejn l-annimal ikun qatta' perjodu sostanzjali tat-trobbija qabel il-qatla kif ukoll il-post tal-qatla;

– Xenarju 6 — It-tikkettar obbligatorju tal-oriġini li jindika l-Istat Membru jew il-pajjiż terz fejn l-annimal twieled, trabba u nqatel.

Għal-laħam tal-annimali tal-kaċċa, l-uniku xenarju eżaminat huwa l-indikazzjoni tal-post tal-kaċċa.

Barra minn hekk, ix-xenarju "mill-UE/mhux mill-UE" (jew "mill-EU/minn pajjiż terz") ġie mwarrab għal-laħmijiet taħt il-mandat ta' dan ir-rapport minħabba l-interess limitat tal-konsumaturi f'qafas ġeografiku tant wiesa', li ġie kkonfermat matul l-istudju u fl-istudju tal-impatt dwar it-tikkettar obbligatorju tal-oriġini għal-laħmijiet tal-majjal, tat-tjur, tan-nagħaġ u tal-mogħoż[21].

Barra minn hekk, l-għażla ta' tikkettar obbligatorju fil-livell reġjonali fi ħdan l-UE ġiet injorata minħabba l-kostijiet għoljin ħafna ta' implimentazzjoni (teħtieġ it-twaqqif ta' sistemi ta' traċċabbiltà iktar dettaljati u li jinvolvu iktar segmentazzjoni tal-katina tal-provvista) flimkien man-nuqqas ta' definizzjoni legali armonizzata ta' dan il-livell ġeografiku madwar l-Unjoni.

6. L-ANALIŻI TAL-IMPATTI U L-KOSTIJIET U L-BENEFIĊĊJI TAX-XENARJI DIFFERENTI

6.1. L-impatt fuq l-imġiba tal-konsumaturi

Huwa diffiċli li jiġi stmat l-impatt tat-tikkettar tal-oriġini fuq il-konsumaturi f'termini ta' analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji. It-tikkettar tal-oriġini jagħti

[21] http://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/ia_carried_out/docs/ia_2013/ia_meat_origin_labelling.pdf

informazzjoni addizzjonali lill-konsumaturi biex jagħmlu għażliet infurmati dwar l-ikel li jixtru u li jieklu. B'mod ġenerali, it-tikkettar tal-oriġini għandu t-tendenza li jitqies b'firxa ta' karatteristiċi pożittivi mill-konsumaturi, fost dawn il-kwalità.

Fix-xenarji tal-i*status quo* b'tikkettar volontarju tal-oriġini, il-kwantità tal-informazzjoni dwar il-provenjenza tal-prodott tingħata skont id-domanda mill-konsumaturi. Għaldaqstant dan ma jkunx jissodisfa kompletament id-domanda tal-konsumaturi għal informazzjoni sistematika dwar l-oriġini, iżda jkun iktar konformi mar-rieda limitata tal-konsumaturi li jħallsu għall-informazzjoni obbligatorja dwar l-oriġini.

Meta l-operaturi jiddeċiedu b'mod volontarju li jittikkettaw l-informazzjoni dwar l-oriġini, dan jiġi ppreżentat bħala li jżid il-valur tal-prodott u jinfluwenza d-deċiżjonijiet dwar ix-xiri ta' dawk il-konsumaturi li għalihom din l-informazzjoni hija rilevanti.

Għall-ħalib u l-ħalib użat bħala ingredjent

Ix-xenarji b'tikkettar obbligatorju tal-oriġini kemm "mill-UE/mhux mill-UE" u kemm "minn Stat Membru" sistematikament jagħtu l-informazzjoni dwar l-oriġini lill-konsumaturi.

L-għażla "mill-UE/mhux mill-UE" sempliċiment tagħmel distinzjoni bejn il-produzzjoni tal-UE u dik ta' pajjiżi terzi. Billi din l-informazzjoni hija meqjusa bħala ġenerika wisq, ma jidhirx li jixirqilha ebda żieda fil-prezz mill-puntdivista tal-konsumatur. Għall-kuntrarju ta' dan, ix-xenarju "l-Istat Membru" jidher iktar sinifikanti għall-konsumaturi, speċjalment meta jingħata t-tikkettar tal-oriġini dwar il-post tat-taħlib. Min-naħa l-oħra, il-preferenza tal-imħaleb hija li jindikaw il-post tal-ipproċessar, li hija ħafna iktar sempliċi biex tiġi implimentata.

Għat-tipi ta' laħmijiet

L-istħarriġiet juru li l-konsumaturi huma prinċipalment interessati fil-post fejn l-annimal trabba u nqatel (jew ġie kkaċċat).

Fil-każ tas-settur tal-laħam taż-żiemel, l-iskandli riċenti u konsegwentement il-perċezzjoni pubblika negattiva wasslu biex organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet differenti għamlu talbiet għal informazzjoni iktar estensiva.

6.2. L-impatti ekonomiċi

6.2.1. Il-kostijiet operattivi tal-operaturi fin-negozju tal-ikel (FBO)

L-istudju sab li, ħlief fil-każ tat-tikkettar volontarju fejn il-kostijiet operattivi jibqgħu l-istess, l-obbligi l-ġodda tat-tikkettar obbligatorju jkunu jinvolvu kostijiet addizzjonali għall-FBO.

Għall-ħalib u l-ħalib użat bħala ingredjent

Ix-xenarji "mill-UE/mhux mill-UE" u "l-Istat Membru" jimponu sfidi operattivi u jeħtieġu adattamenti kbar speċjalment fir-rigward tal-ingredjenti tal-ħalib ta' oriġini mħallta.

Il-kost għat-tikkettar tal-oriġini tal-ħalib tax-xorb tkun tiddependi fuq ir-regoli li jkunu ġew definiti u l-karatteristiċi ta' kull impjant. Filwaqt li t-tikkettar tal-post tal-ipproċessar ikun ħafna iktar sempliċi, li jiġi indikat il-post tat-taħlib ikun ta' sfida għal dawk li jipproċessaw il-ħalib u li jakkwistawh minn bosta oriġini, u l-implimentazzjoni tiegħu jirriżulta f'kostijiet addizzjonali tal-operat. B'taħlitiet ta'

oriġini f'prodott partikolari, il-kostijiet jistgħu jvarjaw meta jsir it-tikkettar ta' bosta Stati Membri/pajjiżi terzi. Jekk eventwalment jinżamm, tkun meħtieġa ħidma teknika ulterjuri sabiex jiġu ddeterminati t-tolleranzi u l-limiti iktar baxxi, li meta jinqabżu jkollu jiġi indikat l-Istat Membru ta' oriġini (ladarba l-ħalib huwa prodott likwidu, jitħallat b'mod naturali meta jitqiegħed flimkien).

B'kuntrast mal-ħalib għall-konsum dirett, jidher ħafna iktar diffiċli fil-prattika li wieħed jipprovdi t-tikkettar tal-oriġini għall-ħalib użat bħala ingredjent fil-prodotti tal-ħalib, u b'hekk ikun għali ħafna, b'mod partikolari għal prodotti tal-ħalib ipproċessati ħafna b'diversi stadji ta' produzzjoni u fejn l-ingredjenti tal-ħalib għandhom it-tendenza li jiġu ttrasportati għal distanzi twal. L-FBO li jużaw l-ingredjenti tal-ħalib minn bosta oriġini jiġu affettwati b'mod negattiv kif se jiġi spjegat hawn taħt:

– L-iktar kostijiet rilevanti murija fl-istudju jirreferu għall-adattament tal-prattiki tal-akkwist, il-bidliet possibbli fit-taħlita ta' fornituri, l-użu ta' lottijiet iżgħar tal-produzzjoni, l-adattament tal-proċessi tal-produzzjoni biex tintlaħaq segregazzjoni skont l-oriġini, l-adattament tal-imballaġġar/tat-tikkettar u l-implimentazzjoni/adattament tas-sistemi tat-traċċabbiltà.

– Il-kostijiet jistgħu jvarjaw skont is-sitwazzjoni operattiva speċifika tal-FBO ikkonċernati, skont il-prodott tal-ħalib u l-ingredjent tal-ħalib inkwistjoni u skont is-sistemi ta' traċċabbiltà li jkun hemm fis-seħħ.

L-analiżi indikat li l-kostijiet addizzjonali x'aktarx li jvarjaw minn ammont negliġibbli sa 8 % tal-kost tal-produzzjoni fil-livell ta' dawk li jipproċessaw, iżda ċerti kumpaniji jgħidu li jistgħu jilħqu sa 45 % f'ċirkostanzi partikolarment ta' żvantaġġ.

Għat-tipi ta' laħam

– Il-kostijiet ikunu relattivament żgħar (inqas minn 3 %) meta mqabblin mal-prezz bl-ingrossa u jvarjaw skont id-daqs tal-kumpanija u l-post fejn tinsab. Kumpaniji ikbar li jakkwistaw il-laħam domestikament jew minn pajjiż terz wieħed ikunu kapaċi jassorbu l-kostijiet iktar b'mod ħarir. Dawn il-kostijiet jinkludu l-ħtieġa li tissaħħaħ it-traċċabbiltà 'l isfel permezz tal-katina tal-ipproċessar u tal-provvista.

– Iktar ma jkunu kumplessi r-regoli tat-tikkettar, iktar ma jkun jiswa l-adattament tas-sistemi ta' identifikazzjoni tal-annimali ħajjin.

– L-operaturi li jaħdmu b'laħmijiet minn bosta provenjenzi jadattaw mill-ġdid il-provvisti tagħhom lejn oriġini pjuttost omoġenja bil-għan li jnaqqsu l-kostijiet operattivi.

6.2.2. Il-kompetittività, il-kummerċ u l-flussi ta' investiment

Il-konsulenti inkarigati mill-istudju jistmaw li t-tikkettar obbligatorju tal-oriġini jista' possibbilment iwassal biex il-konsumaturi jagħżlu merkanzija prodotta domestikament. B'riżultat ta' dan, ikun hemm ċerta nazzjonalizzazzjoni mill-ġdid tas-suq uniku.

Għall-ħalib u l-ħalib użat bħala ingredjent

– Skont ix-xenarju "mill-UE/mhux mill-UE", is-suq intern mistenni li ma jiġix affettwat bil-kbir. X'aktarx li sseħħ bidla lejn inqas fornituri tal-ingredjenti tal-ħalib fost dawk li jipproċessaw sabiex jevitaw il-kumplessitajiet li jirriżultaw

minn diversi oriġini mill-UE u mill-pajjiżi terzi, b'impatt possibbli fuq il-kummerċ internazzjonali.

– Il-postijiet fejn wieħed jirrikorri għall-ħalib u għall-ingredjenti tal-ħalib ta' oriġini mħallta jsiru iktar limitati fil-każ li l-indikazzjoni tal-Istati Membri ssir obbligatorja. L-FBO x'aktarx li jaraw żieda fil-prezz tal-materja prima tagħhom minħabba li l-bażi tal-provvista ġenerali tagħhom tkun iktar ristretta.

Għat-tipi ta' laħam

– L-iskala tal-impatt tax-xenarji differenti tkun modesta għall-biċċa l-kbira tal-laħmijiet li jaqgħu taħt il-mandat ta' dan ir-rapport. Għall-kuntrarju ta' dan, il-bidliet fil-katina tal-provvista taż-żwiemel jistgħu jirriżultaw f'segmentazzjoni tal-kummerċ fi ħdan l-UE u tnaqqis fin-numru ta' intermedjarji. Barra minn hekk, l-FBO jistgħu jikkunsidraw li jkun iktar kosteffiċjenti li jaddattaw l-istruttura tal-provvista tagħhom (l-akkwist, id-daqs tal-lottijiet, it-tnaqqis tal-intermedjarji) iktar milli jaġġornaw is-sistema ta' traċċabbiltà interna sabiex ikunu jistgħu jaħdmu simultanjament b'bosta għejun tal-oriġini.

– L-impatti tal-obbligu ta' tikkettar tal-oriġini jikkonċernaw b'mod speċjali lil dawk il-pajjiżi terzi li bħalissa jesportaw xi kwantitajiet ta' laħam mhux ipproċessat lejn l-Unjoni. Il-kummerċ barrani ta' annimali żgħar tal-kaċċa u tal-laħam tal-għasafar selvaġġi huwa prattikament ineżistenti u l-kummerċ intrakomunitarju huwa limitat ħafna.

6.2.3. Il-piż regolatorju fuq in-negozji

Għall-FBO, il-kostijiet amministrattivi addizzjonali jkunu minħabba l-ħtieġa li jirreġsitraw l-oriġini tal-provvisti u jadattaw is-sistema ta' traċċabbiltà tagħhom.

B'mod ġenerali, l-imħaleb ta' daqs iżgħar li jkunu jiddependu fuq provvisti lokali ser ikunu affettwati inqas miċ-ċentri ta' ġbir tal-kumpaniji l-kbar. Barra minn hekk, il-biċċeriji u l-impjanti tat-tqattigħ ta' daqs iżgħar li ġeneralment jakkwistaw l-annimali lokalment, ma jkunux obbligati jaġġustaw b'mod konsiderevoli il-prattiki tal-akkwist tagħhom u ma jkunux involuti spejjeż addizzjonali għoljin. Għalhekk, il-biċċa l-kbira tal-piż jikkonċerna l-imħaleb/il-biċċeriji li joperaw fir-reġjuni tal-fruntiera u dawk li jinsabu f'żoni mhux awtosuffiċjenti għall-ħalib mhux ipproċessat/laħam nej.

L-istudju jistma li l-piż ma jinbidilx mis-sitwazzjoni preżenti jekk it-tikkettar tal-oriġini jibqa' volontarju, u huwa mistenni li jiżdied biss bi ftit jekk l-indikazzjoni tal-Istat Membru ssir obbligatorja għall-ħalib tax-xorb.

B'kuntrast ma' dan, il-piż addizzjonali jista' jkun sinifikanti jekk l-Istat Membru ta' oriġini jkollu jiġi mmarkat għall-prodotti pproċessati ħafna u għall-prodotti kompożiti bħal jogurts u deżerti bbażati fuq il-ħalib. Piż kbir ta' kontrolli fuq il-produtturi tal-ikel iwassalhom biex jakkwistaw il-ħalib tagħhom minn inqas pajjiżi, għad-detriment tas-suq uniku.

Dwar il-laħmijiet li jaqgħu taħt il-mandat ta' dan ir-rapport, il-konsulenti inkarigati mill-istudju huma tal-fehma li l-kumpaniji jirnexxilhom inaqqsu l-kostijiet addizzjonali għal kull unità wara l-perjodu neċessarju ta' adattament, speċjalment fir-rigward tal-kostijiet amministrattivi. L-impatt ikun notevoli biss għall-operaturi tal-laħam taż-żiemel b'differenzi sostanzjali bejn iż-żwiemel imrobbija għal-laħam f'sistemi speċjalizzati tal-biedja (ta' rilevanza limitata f'termini kwantitattivi) u l-bqija.

6.2.4. Il-piż fuq l-awtoritajiet pubbliċi

Għalkemm l-istudju ma jagħtix ċifri dettaljati, jindika żieda żgħira fil-kostijiet tal-kontrolli fil-każ ta' tikkettar obbligatorju "mill-UE/mhux mill-UE" għall-ħalib tax-xorb.

Fil-każ ta' tikkettar obbligatorju tal-Istat Membru, il-kostijiet ikunu ogħla u jiddependu b'mod sinifikanti fuq il-livell ta' dettall tal-informazzjoni meħtieġa dwar l-oriġini, jiġifieri l-post tal-biedja/tat-taħlib jew tal-ipproċessar/tal-qatla.

Il-mudell "imwieled/imrobbi/maqtul" ikun jiswa ħafna flus biex jiġi implimentat għal-laħam taż-żiemel. Barra minn hekk, is-sistema ta' bħalissa tat-traċċabbiltà u tal-identifikazzjoni, mhux dejjem tagħti tagħrif komprensiv lill-awtorità kompetenti dwar fejn trabba u twieled iż-żiemel.

B'mod ġenerali, iż-żieda fil-piż tirriżulta fi ħtieġa għal iktar persunal biex iwettqu l-kontrolli tad-dokumenti. Jekk il-finanzjament allokat lill-awtoritajiet ta' kontroll mill-baġits tal-Istati ma jiżdiedx, iż-żieda mistennija tal-ħin tal-persunal tista' twassal għal tnaqqis tal-frekwenza tal-kontrolli jew għal bidla fil-prijoritajiet, li tista' tirriżulta wkoll f'riskju miżjud ta' frodi. Il-piż fuq l-awtoritajiet pubbliċi jista' jittaffa fil-każ li jiddaħħlu fis-seħħ miżati biex jitwettqu l-kontrolli uffiċjali. Dawn il-kostijiet normalment jiġu ttrasferiti 'l isfel fil-katina mill-FBO permezz tal-prezzijiet.

6.2.5. Il-kostijiet għall-konsumaturi

Mhuwiex probabbli li l-is*tatus quo* jirriżulta f'żieda ġenerali fil-prezz. Fejn l-oriġini tingħata, ġeneralment il-kostijiet addizzjonali jiġu mgħoddija lill-konsumaturi bi prodotti li jinbiegħu bi prezz miżjud.

L-għoti ta' informazzjoni obbligatorja dwar l-oriġini fil-livell tal-Istat Membru mistenni li jwassal għal kostijiet miżjuda, li huma mistennija li jiġu ttrasferiti prinċipalment fuq il-konsumaturi iżda anke fuq il-produtturi. Ir-rati eżatti jvarjaw skont is-settur, l-Istat Membru ikkonċernat u l-livell ta' integrazzjoni vertikali u konċentrazzjoni tas-suq.

6.2.6. L-impatti ambjentali u soċjali

Dawn l-impatti ma ġewx analizzati mill-istudju. Madankollu, wieħed jista' jassumi li billi jingħataw informazzjoni iktar dettaljata dwar l-oriġini, il-konsumaturi jkunu jippreferu "l-ikel lokali" jew saħansitra jirrifjutaw b'mod attiv il-prodotti minn pajjiżi oħra. Dan jista' jkollu impatt fuq it-trasport ta' annimali ħajjin, ta' ħalib mhux ipproċessat, u ta' ingredjenti tal-ħalib u ta' prodotti tal-ħalib/prodotti tal-laħam. Jekk dan jirriżultax li jkun pożittiv għall-ambjent (eż. f'termini ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra), impossibbli li jiġi affermat, għaliex il-kummerċ fi ħdan l-UE iseħħ l-iktar bejn pajjiżi ġirien fejn id-distanzi jistgħu fil-fatt ikunu iqsar milli fi ħdan ċerti Stati Membri. Xenarji oħra għajr it-tikkettar volontarju jistgħu jirriżultaw f'żieda żgħira fl-iskart tal-prodotti.

Kwalunkwe għażla li tagħmilha obbligatorja li jkun hemm l-indikazzjoni tal-Istat Membru fit-tikketta tista' wkoll trawwem imġiba tax-xiri li tkun dejjem iktar ixxaqleb lejn prodotti lokali u possibbilment għal tibdiliet fil-konsum, fl-akkwist u fl-ipproċessar, u għall-eliminazzjoni ta' intermedjarji. Dan jista' jinkludi wkoll effetti indiretti fuq l-impjiegi jekk iż-żidiet fil-prezzijiet jirriżultaw f'ċertu tnaqqis fil-konsum.

6.3. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-modalitajiet tat-tikkettar obbligatorju tal-oriġini għall-ħalib, il-ħalib użat bħala ingredjent fil-prodotti tal-ħalib u tipi oħra ta' laħam

It-tabelli li ġejjin jagħtu taqsira tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-modalitajiet possibbli tat-tikkettar obbligatorju tal-oriġini:

– għall-ħalib u l-ħalib użat bħala ingredjent

Il-Modalità tal-Oriġini Obbligatorja		Il-Vantaġġi	L-Iżvantaġġi
Ħalib	Il-post tal-ewwel ipproċessar	– Kostijiet baxxi (< 1 %).	– L-ebda informazzjoni dwar l-oriġini tal-ħalib mhux ipproċessat.
	Il-post tat-taħlib	– Kostijiet baxxi (< 1 %). – Informazzjoni utli għall-konsumatur fil-livell tal-Istat Membru/tal-pajjiż.	– Huma meħtieġa sistemi addizzjonali ta' traċċabbiltà mill-fabbriki li jakkwistaw il-ħalib minn bosta oriġini; – Teknikament ta' sfida jekk ikunu involuti diversi postijiet ta' oriġini; – Ikun hemm impatt fuq il-kummerċ transfruntier; – Ikun meħtieġ li tiġi stabbilita tolleranza minima għall-akkwist minn għejun diversi.
Il-ħalib użat bħala ingredjent fil-prodotti tal-ħalib;	Il-post tal-ewwel ipproċessar tal-ħalib mhux ipproċessat	– Kostijiet baxxi (< 1 %) jekk jiġi magħżul mill-UE/mhux mill-UE, għajr għal prodotti pproċessati ħafna.	– L-ebda informazzjoni dwar l-oriġini tal-ħalib; – Huma meħtieġa sistemi addizzjonali ta' traċċabbiltà mill-fabbriki li jakkwistaw il-ħalib minn bosta oriġini; – Teknikament ta' sfida fejn ikunu involuti diversi oriġini; – Ikun hemm impatt fuq il-flussi tal-kummerċ; – Ikun meħtieġ li tiġi stabbilita tolleranza minima għall-akkwist minn għejun diversi; – Kostijiet għoljin jekk tintgħażel oriġini li tinvolvi diversi pajjiżi (sa 8 % fil-livell tal-Istati Membri u sa

			45 % fil-livell tal-fabbriki individwali).
	Il-post tat-taħlib	Informazzjoni utli għall-konsumatur fil-livell tal-Istat Membru/tal-pajjiż.	– Huma meħtieġa sistemi addizzjonali ta' traċċabbiltà mill-fabbriki li jakkwistaw il-ħalib minn bosta oriġini; – Ta' sfida partikolari fejn ikunu involuti diversi oriġini; – Ikun hemm impatt fuq il-flussi tal-kummerċ; – Ikun meħtieġ li tiġi stabbilita tolleranza minima għall-akkwist minn għejun diversi; – Kostijiet għoljin jekk tintgħażel oriġini li tinvolvi diversi pajjiżi (sa 8 % fil-livell tal-Istati Membri u sa 45 % fil-livell tal-fabbriki individwali).

– għat-tipi ta' laħmijiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-istudju:

Il-Modalità tal-Oriġini Obbligatorja		**Il-Vantaġġi**	**L-Iżvantaġġi**
Il-laħam taż-żiemel	Il-post tat-twelid + il-post tat-trobbija + il-post tal-qatla	– Tipprovdi informazzjoni utli lill-konsumatur fil-livell tal-Istat Membru/tal-pajjiż; – Terġa' tqanqal il-fiduċja tal-konsumatur.	– Sistemi addizzjonali ta' traċċabbiltà; – L-informazzjoni dwar it-twelid tkun ta' sfida jekk ir-regoli dwar l-identifikazzjoni ma jiġux issorveljati b'mod korrett; – Ta' sfida meta jkunu involuti bosta postijiet tat-trobbija; – Applikazzjoni limitata minħabba r-rata baxxa ta' laħam taż-żiemel ippakkjat minn qabel.
	Il-post tat-trobbija minima qabel il-qatla + il-post tal-qatla	– Tisħaq iktar fuq l-aħħar stadji tal-ħajja tal-annimal.	– Sistemi addizzjonali ta' traċċabbiltà; – Ikun meħtieġ li jiġi stabbilit il-perjodu minimu tat-trobbija tul il-ħajja tal-

			annimal; – Applikazzjoni limitata minħabba li ma tantx jeżisti laħam ippakkjat minn qabel.
Il-laħam tal-fenek + Il-laħmijiet tal-annimali tal-kaċċa u tat-tjur imrobbija	Il-post tat-twelid + il-post tat-trobbija + il-post tal-qatla	– Tipprovdi informazzjoni utli lill-konsumatur fil-livell tal-Istat Membru/tal-pajjiż;	– Il-post tat-twelid: Mhux importanti għaċ-ċikli qosra ta' produzzjoni; – Tkun teħtieġ sistema addizzjonali ta' identifikazzjoni; – Sistemi addizzjonali ta' traċċabbiltà; – Il-flussi kummerċjali jistgħu jiġu affettwati.
	Il-post tat-trobbija minima qabel il-qatla + il-post tal-qatla	– Tisħaq iktar fuq il-postijiet fejn jikber u fejn jinqatel l-annimal; – Tipprovdi informazzjoni utli lill-konsumatur fil-livell tal-Istat Membru/tal-pajjiż;	– Sistemi addizzjonali ta' traċċabbiltà; – Ikun meħtieġ li jiġi stabbilit il-perjodu minimu tat-trobbija matul iċ-ċiklu qasir tal-ħajja; – Il-flussi kummerċjali jistgħu jiġu affettwati.
Il-laħmijiet tal-annimali tal-kaċċa u tal-għasafar selvaġġi	Il-post tal-kaċċa	– Tipprovdi informazzjoni utli lill-konsumatur fil-livell tal-Istat Membru/tal-pajjiż;	– Sistemi addizzjonali ta' traċċabbiltà; – Il-flussi kummerċjali jistgħu jiġu affettwati; – Applikazzjoni limitata minħabba li ma tantx jeżistu laħmijiet ippakkjati minn qabel.

7. IL-KONKLUŻJONIJIET

Bħalissa għall-ikel li jaqa' taħt il-mandat ta' dan ir-rapport, jekk jixtiequ l-konsumaturi jistgħu jagħżlu il-prodotti tal-ħalib jew tal-laħam li dwarhom l-informazzjoni dwar l-oriġini hija mogħtija volontarjament mill-operaturi fin-negozju tal-ikel. Din tista' tkun għażla xierqa mingħajr ma timponi piż addizzjonali fuq l-industrija u l-awtoritajiet.

It-tikkettar obbligatorju tal-oriġini jkun jinvolvi piż regolatorju ikbar għall-biċċa l-kbira tal-prodotti vvalutati fir-rapport u għalhekk, il-kwistjoni hawnhekk hija li jiġi vvalutat jekk il-bilanċ bejn il-kostijiet u l-benefiċċji huwiex tali li jiġġustifika l-indikazzjoni obbligatorja.

Ir-riżultati addizzjonali li joħorġu minn dan ir-rapport huma li:

– Minkejja l-interess tal-konsumaturi għall-oriġini tal-ħalib, tal-ħalib użat bħala ingredjent fil-prodotti tal-ħalib u tal-laħmijiet li jaqgħu taħt il-mandat ta' dan ir-rapport, jidher li l-konsumaturi b'mod ġenerali ma tantx huma lesti li jħallsu għal din l-informazzjoni.

– Meta jiġu kkunsidrati x-xenarji tat-tikkettar obbligatorju tal-oriġini, jidher li l-konsumaturi jippreferu li din l-indikazzjoni ssir fil-livell tal-Istat Membru.

– Għalkemm il-kost tat-tikkettar tal-oriġini tal-ħalib jista' jkun ġeneralment modest, l-impatt tiegħu fost l-operaturi ma jkunx l-istess bejniethom u xi wħud minnhom ikollhom jintroduċu sistemi addizzjonali ta' traċċabbiltà b'żidiet sostanzjali tal-kostijiet, b'mod partikolari dawk li jinsabu fir-reġjuni tal-fruntiera jew f'żoni mhux awtosuffiċjenti għall-ħalib.

– L-istudju juri li t-tikkettar obbligatorju tal-oriġini tal-ħalib użat bħala ingredjent fil-prodotti tal-ħalib jista' jirriżulta f'impatti ekonomiċi negattivi, f'iktar rekwiżiti ta' traċċabilità u jkun ta' piż għall-prodotti pproċessati ħafna.

– Ikun hemm kostijiet operattivi addizzjonali sabiex jiġi impost it-tikkettar obbligatorju tal-oriġini għal-laħmijiet li jaqgħu taħt il-mandat ta' dan ir-rapport.